# B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**Fuljett ta' tagħrif: informazzjoni għall-utent**

**Siklos 100 mg pilloli miksijab'rita**
**Siklos 1 000 mg, pilloli miksija b'rita**
Hydroxycarbamide

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, jew lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, jew lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**


1. X'inhu Siklos u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Siklos
3. Kif għandek tieħu Siklos
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Siklos
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu Siklos u għalxiex jintuża

Siklos jintuża biex jimpedixxi kriżi ta' wġigħ, inkluż uġigħ fis-sider f'daqqa, ikkawżat mis-sindrome taċ-ċelluli tas-sickle, fl-adulti, adoloxxenti u tfal akbar minn sentejn.

Il-marda taċ-ċelluli tal-minġel hi marda tad-demm li tintiret li taffettwa ċ-ċelluli tondi ħomor tad-demm.
Xi ċelluli ma jibqgħux normali, u jsiru ibsin u jsiru b'forma ta' qamar felli jew minġel, u dan iwassal għal anemija.
Iċ-ċelluli tal-minġel jistgħu wkoll jeħlu fil-vini jew arterji u jimblukkaw il-fluss tad-demm. Dan jista' jikkawża kriżijiet ta' wġigħ akut u ħsara fl-organi.

Għall-kriżijiet ta' wġigħ severi, il-biċċa l-kbira tal-pazjenti jkollhom bżonn li jiddaħħlu l-isptar. Siklos inaqqas in-numru ta' kriżijiet b'uġigħ, kif ukoll il-bżonn li wieħed jinżamm l-isptar, b'konnessjoni mal-marda.

Is-sustanza attiva ta' Siklos, hydroxycarbamide, hi sustanza li tinibixxi l-iżvilupp u l-proliferazzjoni ta' xi ċelluli , bħaċ-ċelluli tad-demm. Dawn l-effetti jwasslu għal tnaqqis ta' ċelluli ħomor, bojod u ċelluli tad-demm li jikkoagulaw fiċ-ċirkolazzjoni (effett majelosoppressiv). Fil-marda taċ-ċelluli tal-minġel, hydroxycarbamide jgħin ukoll biex jippreveni ċ-ċelluli ħomor tad-demm milli jieħdu forma mhux normali.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Siklos

**Tiħux Siklos**

- Jekk inti allerġiku  għal hydroxycarbamide jew xi sustanzi oħra ta' din il-mediċina , (imniżżla fis-sezzjoni 6),

- jekk tbati minn mard tal-fwied serju,
- jekk tbati minn mard tal-kliewi serju,
- jekk inti majelosoppressat (i.e. jekk għandek produzzjoni mnaqqsa ta' ċelluli ħomor, bojod jew ċelluli tad-demm li jikkoagulaw) kif deskritt f'sezzjoni 3 "Kif għandek tieħu Siklos, "Visti ta' wara l-kura" ,
- jekk qed tredda' (ara sezzjoni "Tqala u treddigħ u fertilità").

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Kellem lit-tabib jew l-ispiżjar jew l-infermier tiegħek qabel tieħu Siklos

- jekk għandek mard tal-fwied,
- jekk għandek mard tal-kliewi,
- jekk għandek ulċeri fis-saqajn,
- jekk qed tieħu prodotti mediċinali majelosoppressivi oħra (inaqqsu l-produzzjoni ta' ċelluli ħomor, bojod jew ċelluli tad-demm li jikkoagulaw) jew qed tirċievi terapija bir-radjazzjoni,
- jekk għandek nuqqas magħruf tal-vitamina $B_{12}$ jew tal-folate.

Jekk ikollok esperjenza (jew kellek esperjenza**)** ta' xi wieħed/waħda minn dawn, jekk jogħġbok għid lit-tabib tiegħek. Jekk għandek xi mistoqsijiet jekk jogħġbok staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek.

Pazjenti u/jew ġenituri jew il-persuna legalment responsabbli jridu jkunu jistgħu jsegwu l-istruzzjonijiet dwar l-għoti ta' dan il-prodott mediċinali, u s-sorveljanza u l-kura tagħhom.

**Mediċini oħra u Siklos**

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.
Qsim tal-informazzjoni hija speċjalment meħtieġa għal
- xi mediċini antiretrovirali (dawk li jinibixxu jew jeqirdu retrovirus bħal HIV), eż. didanosine, stavudine u indinavir (jista' jseħħ tnaqqis fl-għadd ta' ċelluli bojod tiegħek),
- mediċini majelosoppressivi (inaqqsu l-produzzjoni ta' ċelluli ħomor, bojod jew ċelluli tad-demm li jikkoagulaw) u terapija ta' radjazzjoni,
- xi tilqim,
- monitor kontinwu tal-glukożju (CGM), użat biex jittestja l-glukożju fid-demm tiegħek (hydroxycarbamide jista' jgħolli b'mod falz ir-riżultati tal-glukożju tas-sensor minn ċerti sistemi ta' CGM u jista' jwassal għal ipogliċemija jekk ir-riżultati tal-glukożju tas-sensor jintużaw bħala bażi għad-doża tal-insulina).

**Tqala u treddigħ u fertilità**

Jekk inti tqila jew qed tredda', taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Siklos mhux rakkomandat waqt it-tqala. Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tabib tiegħek jekk minnufih taħseb li inti tqila.L-użu ta' kontraċezzjoni effettiva hu rakkomandat ħafna.

Jekk toħroġ tqila jew qed tippjana li toħroġ tqila waqt li qed tieħu Siklos, tabib tiegħek se jiddiskuti miegħek il-benefiċċji u r-riskji potenzjali jekk tkompli tużu Siklos.

Għal pazjenti rġiel li qed jieħdu Siklos, jekk is-sieħba tiegħek toħroġ tqila jew qed tippjana li toħroġ tqila, it-tabib tiegħek se jiddiskuti miegħek il-benefiċċji u r-riskji possibbli jekk tkompli tuża Siklos.

Is-sustanza attiva ta' Siklos tgħaddi fil-ħalib tas-sider tal-bniedem. M'għandekx tredda' waqt li qed tieħu Siklos.

Hydroxycarbamide jista' jnaqqas il-produzzjoni isperma f'pazjenti rġiel waqt li jkunu qed jiġu kkurati.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**

Xi persuni jista' jkollhom esperjenza ta' sturdament meta jużaw Siklos. Issuqx u tużax għodda jew magni jekk ikollok sturdament meta tieħu Siklos.

## 3. Kif għandek tieħu Siklos

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib jew spiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

**Doża**

**It-tabib tiegħek se jgħidlek kemm tieħu Siklos kuljum u se jiddesrivi d-doża f'pilloli sħaħ, nofsijiet u kwartijiet.**

Id-doża preskrikka ta' Siklos għandha tittieħed darba kuljum, preferibbilment filgħodu qabel il-kolazzjon.
Tista' tittieħed ma' tazza ilma jew ma' ammont żgħir ħafna ta' ikel.
Jekk ma tkunx tista' tibla' l-pilloli, tista' tħollhom fl-ilma **immedjatament qabel ma tużahom**:
- Poġġi d-doża meħtieġa (preferibbilment imfarrka jekk tintuża pillola Siklos 1 000 mg) f'kuċċarina u żid ftit ilma.
- Hekk kif il-pillola tinħall, ibla' l-kontenut tal-kuċċarina. Tista' żżid qatra ta' ġulepp jew tħallat il-kontenut mal-ikel biex ittaffi xi ftit it-togħma morra li jista' jkun hemm.
- Imbagħad ixrob tazza kbira bl-ilma jew jew kwalunkwe xarba oħra.

**Immaniġġjar**

Siklos hu mediċina ċitotossika li għandha tiġi mmaniġġjata b'attenzjoni.
Kull persuna, speċjalment nisa tqal, li mhux qed jieħdu Siklos għandhom jevitaw li jiġu f'kuntatt dirett mal-biċċiet tal-pillola meta jkun qed jaqsmuha. Aħsel idejk qabel u wara li tmiss il-pilloli.
F'każ li d-doża preskritta tesiġi li l-pillola tinqasam f'nofsijiet jew f'erba' biċċiet, dan għandu jsir 'il bogħod mill-ikel. Trab imxerred mill-pillola maqsuma għandu jintmesaħ b'xugaman tal-karta niedi li wara jintrema. Għall-ħażna ta' pilloli maqsuma mhux użati, ara sezzjoni 5 "Kif Taħżen Siklos".

**Visti ta' wara l-kura**

It-tabib tiegħek ser jgħidlek kemm għandek iddum tieħu Siklos.

**Waqt li tkun qed tieħu Siklos se jkollok eżamijiet tad-demm regolari u ttestjar tal-fwied u tal-kliewi. Skont id-dożaġġ li tieħu, dawn l-eżamijiet jistgħu jsiru kull xahar jew kull xahrejn.**

It-tabib tiegħek ser jaġġusta d-dożaġġ tiegħek ta' Siklos skont dawn ir-riżultati.

**Jekk tieħu Siklos aktar milli suppost**

Jekk tieħu Siklos aktar milli suppost jew xi tifel jew tifla ħadu Siklos, kellem lit-tabib tiegħek jew l-eqreb sptar immedjatament, għax jista' jkun li jkollok bżonn kura medika urġenti. L-aktar sintomi komuni ta' doża eċċessiva ta' Siklos huma:
- Ħmura tal-ġilda,
- Uġigħ (uġigħ fil-post li tmiss) u nefħa tal-kefef tal-idejn u tal-qiegħ tas-saqajn segwit mill-formazzjoni ta' qoxra fl-idejn u fis-saqajn,
- Pigmentazzjoni (bidliet lokali fil-kulur) qawwija tal-ġilda,
- Uġigħ jew nefħa fil-ħalq.

**Jekk tinsa tieħu Siklos**

Tieħux doża doppja biex tpatti għall-pillola li tkun insejt tieħu. Kompli bħas-soltu meta jmissek id-doża ta' wara hekk kif tak ir-riċetta t-tabib tiegħek.

**Jekk tieqaf tieħu Siklos**

Twaqqafx il-kura tiegħek sakemm mhux bil-parir tat-tabib tiegħek.
Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**4. Effetti sekondarji possibbli**

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

**Għid lit-tabib tiegħek immedjatament jekk tinduna b'xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji serji li ġejjin:**
- Infezzjoni serja ħafna,
- Għejja u/jew tidher pallidu/a,
- Tbenġil bla spjegazzjoni (akkumulazzjoni ta' demm taħt il-ġilda) jew fsad ta' demm,
- Uġigħ ta' ras mhux tas-soltu,
- Alluċinazzjonijiet,
- Aċċessjonijiet,
- Diffikultà biex tieħu n-nifs.

**Għid lit-tabib tiegħek malajr kemm jista' jkun jekk tinnota xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji li ġejjin:**
- Deni jew tkexkix ta' bard,
- Tħossok marid, jew tħossok ma' tiflaħx b'mod ġenerali,
- Raxx (il-ġilda tiħmar, bil-ponot u bil-ħakk),
- Ulċeri jew feriti f'saqajk,
- Ferita (infezzjoni tal-ġilda miftuħa) fil-ġilda tiegħek,
- Diżorjentament (konfużjoni) u sturdament.

**DETTALJI TA' EFFETTI SEKONDARJI**

**Effetti sekondarji komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw iktar minn persuna 1 minn kull 10) :**
Għadd ta' ċelluli tad-demm baxx (majelosoppressjoni), tkabbir fid-daqs taċ-ċelluli l-ħomor tad-demm, Nuqqas jew ammont baxx ta' spermatozoon fis-semen (ażospermja jew oligospermja). Għalhekk, Siklos jista' jnaqqas l-abilità ta' l-irġiel li jkollhom it-tfal

**Effetti sekondarji komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10) :**
Tnaqqis fl-għadd ta' ċelluli ħomor tad-demm (anemija), għadd baxx ta' plejtlits, uġigħ ta' ras, reazzjonijiet tal-ġilda, infjammazzjoni jew ulċeri fil-ħalq (mukosite orali).

**Effetti sekondarji mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100) :**
Sturdament, dardir, il-ġilda ssir b'ponot ħomor u bil-ħakk (raxx), dwiefer suwed (melanonikja), jaqa' x-xagħar.

**Effetti sekondarji rari (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1 000) :**
Feriti fis-saqajn (ulċeri tas-saqajn), funzjoni mibdula tal-fwied.

**Effetti sekondarji rari ħafna (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10 000) jew ta' frekwenza mhux magħrufa :**
Inf jammazzjoni tal-ġilda li tikkawża tbajja' ħomor bil-qoxra u possibilment flimkien ma' uġigħ fil-ġogi.

Każijiet iżolati ta' marda malinna taċ-ċelluli tad-demm (lewkimja), kanċer tal-ġilda f'pazjenti anzjani, fsad ta'demm, disturbi gastrointestinali, rimettar, ġilda xotta, deni, nuqqas taċ-ċiklu mestrwali (amenorreja), u żieda fil-piż.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib jew, lill-ispiżjar jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett.
Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Siklos

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax Siklos wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-flixkun u l-kartuna wara JIS.

Aħżen f'temperatura taħt 30°C.

Pilloli maqsumin mhux użati għandhom jitpoġġew lura fil-flixkun u għandhom jintużaw fi żmien tliet xhur.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih Siklos**

- Is-sustanza attiva hi hydroxycarbamide.
  Kull pillola miksija b'rita ta' Siklos 100 mg fiha 100 mg hydroxycarbamide.
  Kull pillola miksija b'rita ta' Siklos 1 000 mg fiha 1 000 mg ta' hydroxycarbamide.

- Is-sustanzi l-oħra huma sodium stearyl fumarate, silicified microcrystalline cellulose u basic butylated methacrylate copolymer.

**Kif jidher Siklos u l-kontenuti tal-pakkett:**

Siklos 100 mg pilloli miksija b'ritahuma ta' lewn off-white, f'għamla oblonga b'ferq fuq iż-żewġ naħat. Il-pillola tista' tinqasam f'żewġ partijiet ugwali.
Kull nofs pillola hu intaljat b'"H" fuq naħa waħda.
Siklos 100 mg hu formut fi fliexken tal-plastik li jkun fihom 60, 90 jew 120 pilolla.

Siklos 1 000 mg pilloli miksija b'rita huma ta' lewn off-white, b'forma ta' kapsula, b'ferq triplu fuq iż-żewġ naħat. Il-pillola tista' tinqasam f'erba' partijiet indaqs.
Kull kwart tal-pillola għandu intaljat "T" fuq naħa waħda.
Siklos 1 000 mg hu fornut fi flixkun li fih 30 pillola.
Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

**Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine
Franza

**Manifattur**
Delpharm Lille
Parc d’Activités Roubaix-Est
22 rue de Toufflers
CS 50070
59452 Lys-lez-Lannoy
Franza

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

**België/Belgique/Belgien**
THERAVIA
Tél/Tel: +32(0) 2 808 2973

**България**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine – Франция
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Česká republika**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Francie
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Danmark**
Oresund Pharma ApS
Orient Plads 1
2150 Nordhavn
Danmark
Tlf: +45 53 63 39 16

**Deutschland**
THERAVIA
Tel: 0800 10 90 001

**Eesti**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Prantsusmaa
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Ελλάδα**
DEMO ABEE
Τηλ: +30 210 81 61 802

**Lietuva**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine – Prancūzija
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Luxembourg/Luxemburg**
THERAVIA
Tél/Tel: +352 27 86 23 29

**Magyarország**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Franciaország
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Malta**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Franza
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Nederland**
THERAVIA
Tel: +31 (0) 20 208 216

**Norge**
Oresund Pharma ApS
Orient Plads 1
2150 Nordhavn
Danmark
Tlf: +45 53 63 39 16

**Österreich**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Frankreich
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**España**
Abacus Medicine A/S
Tel: +34 910605214

**France**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Hrvatska**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Ireland**
THERAVIA
Tel: +353(0)1-903 8043

**Ísland**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Frakkland
Sími: +33 (0)1 72 69 01 86

**Italia**
THERAVIA
Tel: 800 959 161

**Κύπρος**
The Star Medicines Importers Co Ltd
Τηλ: +357 25 37 1056

**Latvija**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine- Francija
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Polska**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Francja
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Portugal**
Abacus Medicine A/S
Tel: +34 910605214

**România**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Franța
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Slovenija**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Francija
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Slovenská republika**
THERAVIA
16 Rue Montrosier
92200 Neuilly-sur-Seine - Francúzsko
Tel: +33 (0)1 72 69 01 86

**Suomi/Finland**
Oresund Pharma ApS
Orient Plads 1
2150 Nordhavn
Tanska
Puh/Tel: +45 53 63 39 16

**Sverige**
Oresund Pharma ApS
Orient Plads 1
2150 Nordhavn
Danmark
Tel: +45 53 63 39 16

**Dan il-fuljett ġie rivedut l-aħħar f' 10/2024**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/. Hemm ukoll links għal siti elettroniċi oħra dwar mard rari u kura.